# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 10 ta' Awwissu 2023**

**Kaz Nru: 620/2023**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Omissis**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u ċioé:

*talli, ġewwa OMISSIS u/jew fi bnadi oħra, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023):*

1. *Wettaq atti ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fihom innifishom, ma jikkostitwixxux wiehed mid-delitti ikkunsmati jew attentati,*

*imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Art. 207 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

*ukoll talli, nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, ġewwa OMISSIS, u/jew fi bnadi oħra, b'diversi atti magħmulin minnhu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:*

2. *Ġab ruħu b'mod li jagħti fastidju lil persuna oħra u ċioe' lil* **OMISSIS**, *jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li dan kien ta' fastidju għal din il-persuna, jew issoġġeta lil* **OMISSIS** *għal xi att ta' intimita' fiżika, jew issoġġetta lil* **OMISSIS** *għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u kienu jistgħu raġjonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degredanti u, jew intimidatorji lejha, liema delitti twettqu ripetutament;*
   *Art. 18, 251A(1)(a)(b)(ċ)(e), 251H (b) 251HA, 202(j) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

Illi l-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412Ċ tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawża, u f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittma msemmija.

Il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ ordni ta' trattament ai termini tal-artiklu 412D tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat li fis-seduta tal-lum, il-Qorti wara li rat l-artikolu 517 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat, tal-vittma, tal-lok fejn seħħew ir-reati u tax-xogħol tal-imputat u tal-vittma.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum 10 ta' Awwissu 2023[1], fejn l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu.

Rat li l-istess imputat reġa ammetta l-istess imputazzjonijiet wara li ngħata żmien xieraq sabiex jerġa jikkonsulta mal-avukati difensuri tiegħu[2].

Rat id-dokumenti eżebiti mill-Prosekuzzjoni[3].

Rat ir-rikors konġunt tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża permezz ta' liema qablu fuq il-piena li għandha tingħata f'dan il-każ[4].

---

[1] Verbal relattiv jibda a fol 4 *et seq* tal-proċess.

[2] B'hekk ġie segwit dak li jrid l-artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Dwar dan wieħed huwa mistieden jara dak li ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **The Police (Insp. Jonathan Ransley) vs Jianlin Shen**, (App Nru: 44/2022) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar il-10 ta' Ġunju 2022.

[3] Dokumenti jinsabu a fol 10 *et seq* tal-proċess.

[4] A fol 20 tal-proċess.

Rat l-atti proċesswali kollha.

**Ikkunsidrat**

## 1) Fatti u ammissjoni

Illi l-fatti li jemerġu mill-atti proċesswali ta' dan il-każ jirriżultaw mid-dokumentazzjoni eżebita mill-prosekuzzjoni u għalhekk ma hemm l-ebda ħtieġa ta' rijeplikou dettaljat dwar l-istess.

Illi l-imputat għażel li jammetti l-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu, liema ammissjoni reġgħet ġiet minnu kkonfermata wara li ngħata żmien utli sabiex jerġa jirrikonsidra l-pożizzjoni tiegħu.

Illi jerġa jiġi mfakkar li l-Prosekuzzjoni llum irtirat dak inizjalment mitlub fir-rigward tal-ordnijiet skond l-artikoli 412Ċ, 412D, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl ta' dan[5], il-Qorti qiegħda ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tiegħu.

---

[5]Dwar l-effetti tal-ammissjoni fil-kamp penali, wieħed huwa mistieden jara dak awtorevolment deċiż fis-sentenza ċelebri fl-**ismijiet Il-Pulizija vs George Cassar Desain**, mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-27 ta' Ottubru 1962. B'żieda ma dik is-sentenza klassika, wieħed huwa mistieden jara dak li seħħ u ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Andre Falzon,** (App Nru: 385/2015) mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) mogħtija nhar id-19 ta' Novembru 2015 u dik fl-ismijiet I**l-Pulizija vs Godfrey Formosa,** (App Nru: 99/2017) mogħtija wkoll mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) nhar is-26 ta' Ottubru 2017.

### 2) Piena

Illi fil-każ odjern, il-Prosekuzzjoni[6] u d-difiża, b'mod konġunt, talbu li din il-Qorti tagħti l-piena hemm indikata, u ċioé Ordni ta' Probation għall-perjodu massimu (tlett snin) u ordni ta' trażżin ai termini tal-artkolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti hija ben konsapevoli li, skond ġurisprudenza aktar riċenti, il-piena għanda sservi diversi aspetti, dak retributtiv, preventiv u riedukattiv[7].

Illi din il-Qorti, wara li qieset it-talba konġunta magħmula[8], il-fedina penali netta tal-imputat u l-fatt li jirriżulta li dan kien inċident uniku, taqbel mal-piena indikata u peress li l-istess taqa' fil-parametri tal-liġi, qiegħda tagħti effett għax-xewqa hemm murija[9].

### 3) Konklużjoni

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 207, 251A(1)(a)(b)(ċ)(e), 251H(b), 251HA u 202(j) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda issib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, u bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat qiegħed jitqiegħed taħt Ordni ta' Probation għal tlett snin m'illum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni hawn annessa, liema Ordni għandha tifforma parti ntegrali minn din is-sentenza.

---

[6] F'dan il-każ iffirmata kemm mill-Avukat Ġenerali u mill-Ispettur.

[7] Fost diversi wieħed huwa mistieden jara dak li ġie enunċjat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohamed Berkouk, Maalem Abderrahmane u Lazhari Zamouche,** (App Nru: 234/2019) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-22 ta' Ottubru 2019.

[8] Skond l-artikolu 392A(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[9] Artikolu 392A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi bi tħaris lejn dak li jrid l-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar li jinftiehem x'inhuma l-effetti tal-Ordni ta' Probation u li jekk jonqos milli jikkonforma ruħu magħha jew jagħmel xi reat ieħor, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati oriġinali li ġie akkużat bihom f'dan il-każ kif ukoll għal dawk ir-reati li tagħhom tkun instab ħati.

Illi in oltre, il-Qorti qiegħda a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat a favur ta' Omissis u dan għal żmien tlett snin m'illum.

Il-Qorti qiegħda tiċħad it-talba għal-ispejjeż tal-esperti a tenur tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan peress li ma jirriżultax li tqabbdu xi esperti f'dan il-każ.

Il-Qorti finalment tordna, fi kliem l-artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta[10], li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol mil-lum, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

[10] Reż applikabbli bl-artikolu 370(6) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.